MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru. 330/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Vincienne Chircop**
**James Stewart Veneziane**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Vincienne Chircop**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bint George u Rita neé Grech, imwielda Pietà, fil-21 ta' Mejju 1987, u residenti

f'39 Gawhra, Triq Guzé Cardona, Qormi, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 255387(M)

u

**James Stewart Veneziane**, ta' sebgha u tletin (37) sena, bin Anthony u Lourdes neé Mangion, imwieled Eastburn, England fl-14 ta' Awwissu 1974 u residenti fi Blokk H, Flat 4, Triq Patri Gustin Sant, Binja Santa Venera, Santa Venera, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 500090(M)

akkuzati talli:

1. fl-10 ta' Awwissu 2011 u fid-dati precedenti, f'dawn il-Gzejjer, approprjaw ruhom billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioé laptop ACER Aspire, liema laptop gie fdat jew ikkunsinnat lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, kif ukoll gie fdat lilhom minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju, b'dannu li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu ((€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Office Essentials Limited ta' l-Imriehel u/jew ta' Bartolomew Micallef mis-Swieqi;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprjaw ruhom billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioé dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali appartinenti lil Office Essentials Limited, liema dokumenti

gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, kif ukoll gie fdat lilhom minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad-detriment ta' Office Essentials Limited ta' l-Imriehel u/jew ta' Bartholomew Micallef mis-Swieqi;

3. kif ukoll talli fl-istess zminijiet, lokalitajiet u cirkostanzi minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghhom, huma kienu saru d-depozitarji ta' sigriet li kien gie fdat lilhom, liema sigriet kixfu bi ksur ta' l-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li jkollhom, geghlu, bl-awtorita' taghhom infushom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxu obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor.

Lil **James Stewart Veneziane** wahdu akkuzat talli;

5. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Vincienne Chircop, fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att filwaqt li kien qieghed isir, u ghad li seta jimpedih, hallih jsir.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 08 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 256) li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

**fil-konfront tal-Vincienne Chircop**:

1. fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**fil-konfront ta' James Stewart Veneziane**:

1. fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 42(d), 45(c) u 43 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 271), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-08 ta' Awwissu 2013, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-*parte civile* u lid-difiza jiddikjaraw li huma lahqu tranzazzjoni ghall-pendenzi li kellhom bejniethom.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu (u dana wara li saret riferenza ghall-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-08 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 256) u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront taz-zewg imputati ghar-reati addebitati lilhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni taghhom, il-fedini penali taghhom u kif ukoll il-fatt li l-*parte civile* u l-imputati lahqu tranzazzjoni ghall-pendenzi li kellhom bejniethom. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputati ghall-perjodu ta' prigunerija effettiv jew ghal perjodu li jkun sospiz pero hija tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li:

fir-rigward tal-imputata Chircop, rat Artikoli 85, 257, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u

fir-rigward tal-imputat Veneziane, rat Artikoli 42(d), 43, 45(c), 85, 257, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

issib lill-imputati Vincienne Chircop u James Stuart Veneziane hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jigu ordnati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------